# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

Appell Nru. 75/2001

Il-Pulizija
(Spettur Denise Mula)

Vs

Natasha Mohnani

Seduta tal-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tas-2.00 p.m., fi Triq Mikelang Borg, San Giljan, saqet vettura Nru. ONE 500 :

1) b'manjiera traskurata
2) perikoluza
3) waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura naqset li tieqaf meta kien hemm sinjal li jindika "stop"
4) u aktar talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habtet ma' mutur nru. ABF 726 u involontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip Alfred Tonna skond kif iccertifika Dr. M.T. Schembri Wismayer M.D. tal-isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 t'April, 2001, li biha dik il-Qorti sabet lill-appellata mhux hatja u lliberata mill-akkuzi kollha lilha addebitati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali li bih talab li din il-Qorti thassar, u tannulla s-sentenza appellata u minnflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellata f'dawn l-akkuzi u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

Rat is-sentenza taghha tas-6 ta' Gunju, 2002, li biha din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-appellata dwar li l-atti processwali damu aktar mit-terminu legali preskritt biex ir-Registratur jibghat l-atti processwali lill-Avukat Generali u ordnat li l-appell ikompli jigi trattat fil-mertu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2002.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-mertu tal-appell fl-istess seduta tas-6 ta' Gunju, 2002.

Ikkunsidrat ;

illi dan l-incident awtomobilistiku gara f'T-junction formata mit-Triq li iggib traffiku li jkun gej mit-tunnel tar-Regional Road u jrid jinzel lejn Spinola minn taht il-pont tal-istess Regional Road u Triq Mikelang Borg , t-"through road" li hija dik li tiffjanka il-Wied ta' San Giljan u li iggongi iz-zona residenzjali ta' The Village mat-triq li tinzel lejn Spinola taht l-iskola tal-gvern. Bhal kull T-Junctioin it-"through road" ghandha priorita' fuq traffiku li jkun hiereg fuqha mill-"branch road" (para. 93 tal-Malta Highway Code) . Illum u anki fiz-zmien tal-incident , fil-lokalita' hemm STOP SIGNS , wiehed mizbugh fl-art u l-iehor fuq arblu max-xellug fil-kantuniera int u hiereg ghal fuq it-"through road" . Ghar-rigward tal-vizwali li jkollu sewwieq li jkun hiereg bhal ma kienet hierga l-appellata, lejn il-lemin minn fejn kien gej il-mutur numru ABF 726 , din ma tistax tkun ahjar milli hi u jekk wiehed jieqaf bil-ponta ta' quddiem tal-car tieghu il gewwa mill-karreggjata tat-"through road" , jista' jara it-tul kollu tat-triq sal-junction mat-triq ta' taht l-iskola , ghal diversi ragunijiet . Fl-ewwel lok il-bokka tal-junction hija wiesgha hafna u jekk wiehed jieqaf biex jesplora max-xellug tal-bokka bla ma jaghmel "cutting the corner" , ikollu vizwali ixxamplata lejn il-lemin u dana ghax il-barra mill-hajt baxx tas-sejjiegh hemm bankina u terga it-triq hija ikkurvata lejn il-lemin ghal min ikun gej minn dik in-naha, kif kien gej il-mutur, u ghalhekk aktar tidher ghal min ikun hiereg minn fejn kienet hierga l-appellata . Anki jekk fi zmien l-incident xi sigar jew arbuxxelli li kien hemm il-gewwa mill-hajt tas-sejjiegh u li issa jidhru li gew ikklerjati , kienu jaslu sat-tarf , b'dana kollu xorta wahda kull min ikun hiereg - bis-sigar b'kollox - kellu vizwali shiha lejn minn fejn kien gej il-mutur u dana anki jekk jieqaf l-gewwa mill-linja tal-karreggjata tat-"through road".

Ghalhekk l-appellata kellha tlitt doveri : 1 dak li tieqaf kompletament biex tesplora it-through road U TIBQA' WIEQFA sa kemm tkun certa li tista' tinvadiha ; 2. li izzomm kemm jista' jkun lejn ix-xellug tal-bokka wiesgha tal-junction u 'l gewwa mill-linja tat-triq biex b'hekk ikollha l-ahjar vizwali possibbli bla ma tintralcja fuq il-flow tat-traffiku transitanti fuq it-through road ; u 3. li izzomm "a proper lookout" ghal traffiku gej miz-zewg nahat , partikolarment ghal traffiku gej minn fuq il-lemin taghha.,

Illi hu ovvju li l-appellata naqset li tiehu dawn il-prekawzjonijiet bazilari u dana jirrizulta kemm mid-depozizzjoni taghha kif ukoll mill-pozizzjoni tal-vettura wara l-incident. Ibda biex, jidher li l-appellata harget fuq it-triq id-dritta bla ma esplorat sew u harget aktar lejn il-lemin milli kellha ghalfejn meta imissha zammet kemm jista' jkun lejn ix-xellug . Jidher ukoll li bil-fatt li rat il-mutur fid-distanza hekk ravvicinata li iddeskriviet fix-xhieda taghha - "tul ta' nofs karozza" - meta setghat ratu ferm u ferm aktar il boghod bil-vizwali li hemm , li ma kienetx qed izzomm "a proper lookout" .

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. Pol. vs. Joseph Vella - 10.8.1963) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , 17.6.1961). Ladarba l-appellata ma ratx il-mutur minn sew qabel li xehdet li ratu, dan bil-fors li ma ratux ghax ma esploratx sew u forsi strahet fuq il-fatt li karozza li kienet gejja mix-xellug waqfet u dehret li kienet ser iccedilha . Kienet x'kienet ir-raguni , ghala ma ratux din zgur li ma kienetx ir-raguni li tat fix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti u cioe' il-haxix , sigar u arbuxxelli li seta kien hemm mall-gemb tat-triq , kif ikkonstatat l-istess Qorti personalment , meta accediet fuq il-post. Illi lanqas ma hu korrett dak li xehdet l-appellata li "bil-fors trid tohrog naqra 'l barra" hemmhekk ghax anki kieku s-sigar kienu jaslu sat-tarf , il-konfigurazzjoni tat-triq tippermetti

espolorazzjoni tajba bla ma wiehed jinvadi lanqas centimetru fuq il-karreggjata tat-"through road" .

Illi kif dejjem gie ritenut , "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, , hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta , mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ." (Kollez. Vol. XXXVI , iv . p.797 ). Gie ukoll ritenut li is-"side road user" ghandu dritt li jaqsam gol "main road" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg , 12.11.1960 ) u li "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux." (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, , Vol. XXXVII , iv. p. 1108)

Lanqas ma tidher attendibbli l-appellata meta tghid li l-mutur kien gej bi speed qawwi , ghax f'tul ta' nofs karozza ossia xi zewg metri ma hux possibbli li wiehed jiggudika "speed" , ghalkemm probabbli li bil-hasda li hadet l-appellata ikkonkludiet li l-mutur bil-fors kien gej bi speed. Imma din hija biss konkluzzjoni bazata fuq intuwizzjoni u mhux prova. Umbaghad Philip Alfred Tonna xehed li hu kien ghaddej bi xi 40 kfs - speed sew entro dak regolamentari ghall-lokalita' - u , ghalkemm kellu d-dritta xorta issslowja qabel resaq lejn il-junction , izda l-appellata hargitlu meta kien distanza ta' bejn il-pedana tax-xhud u l-bradella tal-Imhallef fil-Qorti Kriminali u biex jevitha , ipprova jisswervja lejn il- lemin fl-ahhar mument . Jidher li dan ix-xhud sab ruhu rinfaccjat b'"sudden emergency" krejata kollha kemm hi mill-appellata u li hu b'ebda mod ma jirrizulta li kkontribwixxa ghall-incident.

Tonna xehed ukoll li sofra fratturi li damu ghaxar gimghat biex fiequ u li ghad ghandu "pin u screw" f'gismu sal-lum . Ghalhekk zgur li qed isofri minn feriti gravi "per durata" mill-inqas .

Illi pero' fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li is-sewqan tal-appellata jinkwadra ruhu f'sewqan b'manjiera traskurata aktar milli dak ta' sewqan perikoluz . Sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , iv. p. 892) mentri fis-sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul vs. Charles Farrugia , VOL. XXXIX , iv , p.1018) , element li jidher karenti f'dan l-incident
S'intendi l-imputazzjonijiet ta' nuqqas ta' waqfien fuq Stop Sign u ta' sewqan b'manjiera traskurata, huma assorbiti fir-raba imputazzjoni , cioe dik ta' offizi ta' natura gravi involontarji fuq il-persuna ta' Philip Alfred Tonna.

Ghal dawn il-motivi jidher li l-appell tal-Avukat Generali huwa in parti fondat u li l-appellata kellha tigi misjuba hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha, hlief dik ta' sewqan b'manjiera perikoluza taht it-tieni imputazzjoni, b'dana illi l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fir-raba imputazzjoni . Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali bil-mod limitat kif fuq intqal u qed tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu ma sabitx lill-appellata hatja ta' sewqan b'manjiera perikoluza taht it-tieni imputazzjoni u lliberatha minnha u tirrevokha in kwantu sabet lill-appellata mhux hatja tat-tlitt imputazzjonijiet l-ohra u illiberata minnhom u minnflok , issibha hatja tal-ewwel ,tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni b'dan li l-ewwel tnejn huma assorbiti f'din tal-ahhar u wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) (3) tal-Kap.65 u l-Avviz Legali 94/69 u l-art. 226 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta,

tikkundannha ghall-mitt lira Maltin (LM100) multa u tissospendiha mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem minn ghada.

(ft) Joseph G. Galea Debono

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
11.07.02